**333. L-Onor. Godfrey Farrugia u l-Onor. Marlene Farrugia jipproponu:**

Illi b'referenza għall-Avviż Legali 109 tal-2020 li jġib l-isem L-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Emendi fl-Ewwel u t-Tieni Skeda) Regolamenti 2020, (Kap. 552), ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern nhar it-30 ta' Marzu 2020, jirriżulta li:

1. Dan l-avviż qed jieħu l-opportunità biex iressaq b'urġenza emendi fl-Att imsemmi, minħabba li l-pandemija tal-COVID-19 ġabet fuqna sitwazzjonijiet straordinarji fil-qasam soċjali, tant li ma jistgħux jissejħu laqgħat ta' konsultazzjoni pubblika fil-miftuħ, u għaldaqstant din il-mozzjoni qed titlob li ma hemmx raġuni valida għalfejn dan l-Avviż jittieħed b'din l-urġenza meta l-interess komuni u pubbliku, u dak tal-ippjanar sostenibbli ilhom jitolbu prijoritajiet ewlenin oħra li baqgħu fuq l-ixkaffa. Dawn jinkludu:

    (a) il-pubblikazzjoni ta' miżuri li jsaħħu l-infurzar tal-ippjanar u l-ambjent u jitħarsu d-drittijiet tas-saħħa u s-sigurtà ta' terzi, partikolarment dawk fuq il-postijiet ta' kostruzzjoni,

    (b) minn Diċembru 2019 it-Tribunal tar-Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (ERPT) baqa' sospiż għal raġunijiet varji u għaldaqstant id-drittijiet tal-appellanti mhux qed jiġu mħarsa peress li l-appelli mhumiex qed jinstemgħu. Dan qed jikkawża preġudizzju lill-appellanti u jostakola l-andament tal-ġustizzja peress li qed jiddewmu l-proċeduri tal-appell quddiem l-istess Tribunal u ulterjorament l-opportunità tal-preżentazzjoni ta' appell mit-Tribunal lill-Qorti tal-Appell.

2. Innotat li dan l-Avviż Legali:

    (a) Qed iċaħħad id-dritt ta' konsultazzjoni wiesgħa u korretta, għax hu fatt magħruf li mhux iċ-ċittadini kollha għandhom aċċess għall-mezzi elettroniċi. Illi l-ħtieġa ta' laqgħat miftuħin għall-pubbliku m'għandhomx joħolqu periklu u/jew possibiltà ta' tifrix tal-mard infettiv u dan anki in vista tal-pubblikazzjoni tal-Avviż Legali 113 tas-sena 2020 - Regolamenti tal-2020 dwar l-Infurzar tal-Ordni li jirrigwarda n-numru ta' persuni fi spazji pubbliċi.

    (b) Qed tipprovdi li f'każ ta' ċirkostanzi mhux taħt il-kontroll tal-Awtorità, jekk il-mezzi elettroniċi ma jiġux trasmessi b'mod komplet u l-pubbliku ma jkunx jista' jipparteċipa, il-proċess tal-permess xorta jitkompla.

    (ċ) In-notifika pubblika dwar is-sejħa għal-laqgħa għall-permess partikolari tista' tissejjaħ ftit żmien biss qabel il-perjodu ta' 24 siegħa li fih il-membri tal-pubbliku għandhom jissottomettu r-reġistrazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jaċċessaw il-laqgħa pubblika, skont l-għażla taċ-Chairperson. Dan żgur mhux perjodu ta' żmien biżżejjed biex il-pubbliku jkun dispost u jipprepara ruħu. Il-pubbliku għandu jkun notifikat minn tal-anqas għaxart ijiem qabel il-laqgħa.

(d) Li l-poteri eżekuttivi taċ-Chairperson huma assoluti u jista' jiddeċiedi liema huma dawk il-laqgħat fejn jista' jlaqqa' ġemgħa fiżikament u dawk li jsiru b'mezzi elettroniċi. Din id-diskrezzjoni tista' tagħti lok għal abbuż diskriminatorju u inċertezza legali.

(e) Hu fatt li fiċ-ċirkostanzi preżenti tal-COVID-19, il-Qorti tal-Appell hu magħluq.

3. Ninnota wkoll li:

Fil-passat reċenti, l-Awtorità tal-Ippjanar ma rrispettatx it-trasparenza in real time tal-proċedura tal-permessi fis-sit elettroniku tagħha u ħesrem qatgħatha mod ieħor mill-prassi preċedenti,

Għalhekk qed nitlob li:

L-Avviż Legali 109 tas-sena 2020 jiġi revokat u/jew modifikat sabiex:

ikun imħares b'mod effettiv l-obbligu ta' parteċipazzjoni pubblika u laqgħat miftuħin għall-pubbliku kif meħtieġa mill-Kapitlu 552 (Regolament 9, it-Tieni Skeda) tal-Liġijiet ta' Malta;

- titwettaq il-konsultazzjoni pubblika meħtieġa f'demokrazija fuq kull abbozz ta' avviż legali dwar il-qasam tal-iżvilupp u l-ippjanar u dan skont l-istess Kapitlu 552 tal-Liġijiet ta' Malta u mill-Konvenzjoni ta' Aarhus (il-Konvenzjoni tal-UNECE dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali) kif traspost fil-liġijiet ta' Malta u dan sabiex il-proċess jixhed kontabilità, trasparenza, ekwità u aċċessibiltà effettiva; u

- ikun hemm bilanċ bejn in-numru ta' permessi tal-iżvilupp li jiġu determinati u l-possibilità ta' skrutinju effettiv u opportunità ta' rimedji permezz tal-proċedura tal-appell quddiem it-Tribunal u l-Qorti tal-Appell u dan sabiex il-permessi jinħarġu b'aktar kawtela u b'rata ta' numru ferm anqas minn dak tas-soltu biex jitħarsu sew is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol tal-ħaddiema minn kull aspett, inkluż dawk tal-pandemija.

01.04.2020

**L-Onor. Godfrey Farrugia ressaq din l-Emenda Verbali:**

"F'paragrafu 3, minflok il-kliem "L-Avviż Legali 109 tas-sena 2020 jiġi revokat u/jew modifikat sabiex:" għandhom jidħlu l-kliem "L-Avviż Legali 109 tas-sena 2020 jiġi modifikat sabiex:".

22.04.2020

**L-emenda verbali għaddiet nem.con f'Seduta 320 tat-22 ta' April 2020.**

**Il-mozzjoni, kif emendata verbalment, m'għaddietx f' Seduta 324 tat-30 ta' April 2020.**